minn grajjietna

# IL-KWADRU TA' SANTA MARIJA TAL-QALA

***Fl-4 ta' Dicembru 1993 il-kwadru ta' Santa Marija tal-Qala għalaq ħames snin inkurunat. Tiegħu kienet l-aħħar inkurunazzjoni kanonika tal-Madonna li saret fil-gżejjer Maltin.***

Studju ta' Anton Buttigieg P.E.P. M.Q.R.

## 1.

### DWAR L-ISEM

Il-kwadru jgħodd aktar minn erba' mitt sena. Iqarreb sewwa l-ħames mija. Daħal fl-istojra registrata fl-1575 bil-viżta pastorali ta' Mons. Duzina ta' dik is-sena. Fil-faċċata 270 ta' dan id-dokument importanti naqraw dwar "Knisja ta' Santa Marija tal-Qala fil-post imsejjaħ Qala."

Sittax-il sena wara, jiġifieri fl-1591, fil-viżta pastorali li l-Isqof Gargallo għamel lis-Santwarju fit-12 ta' Jannar ta' dik is-sena kiteb dwar knisja "ta' Santa Mairja tal-Qala" li għandha qima kbira mill-poplu Għawdxi "quae maxime a populo Gaulitano est devota."

Sal-lum għadna ma nafux sewwa meta l-kwadru wasal fis-santwarju. Iżda mill-istudju tal-materjal tiegħu nistgħu nieħdu xi ħjiel. Hu pittura taż-żejt fuq it-tila (51 x 32; 130 x 81). Kien Van Jan Eyck li żviluppa t-teknika taż-żejt fil-pittura. Van Jan Eyck miet fl-1441. Iżda ż-żejt fuq it-tila beda jintuża madwar is-sena 1500. Minn dan wieħed jifhem li l-kwadru ta' Santa Marija sar bejn l-1500 u l-1575. Biex noqorbu aktar għad-data tiegħu nżid li wisq probabbli sar wara l-1530, meta l-gżejjer tagħna għaddew taħt il-ħakma tal-kavalieri. Mal-miġja tagħhom il-kuntatt ta' Malta mal-kontinent kiber mhux b iss fil-qasam kummerċjali iżda wkoll f'dak soċjali u kulturali.

## 2.

### IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-KWADRU

Il-Kwadru jirrappreżenta l-misteru ta' l-Assunzjoni. Il-figura prinċipali hija l-Madonna, li qiegħda tiġi mtellgħa s-sema minn erba' anġli, wieħed f'kull rokna tal-kwadru bi preċiżjoni kważi simetrika. Tnejn minn dawn l-anġli, dawk ta' fuq qiegħdin ipoġġulha kuruna fuq rasha.

Il-kompożizzjoni tal-kwadru tfakkarna fil-majolika famuża tal-Assunta tad-Della Robbja u fil-bassoriliev ta' l-istess misteru, minqux fl-irħam minn Mino da Fiesole fis-sena 1475.

Jista' jkun li min pinġih ħa l-ispirazzjoni minn xogħlijiet bħal dawn li semmejt. Iżda sal-lum, ismu għadna ma nafuhx.

## 3.

### MIN KIEN L-ARTIST

Għadni kif għedt li ma nafux. Insemmi l'opinjoni ta' tliet artisti taż-żmien tagħna.

Il-kavalier Vincenzo Bonello, fil-ktieb tiegħu "La Vergine nell'arte" (1949) isostni li l-awtur tal-kwadru tal-Qala hu Amodeo Stefano Peruġino, dak l-istess pittur li fis-sena 1619 pinġa l-kwadru tal-Madonna ta' Pinu.

Iżda l-pittur Ġanni Vella li dam jaħdem fil-knisja Parrokkjali tal-Qala, madwar ħamsa u għoxrin sena, ma jaqbilx mal-fehma tas-Sur Bonello meta dan jgħid li l-istil u l-fattura tal-kwadru tal-Qala huma ta' l-istess id li pinġiet dak tal-Madonna ta' Pinu.

L-anqas ma jaqbel miegħu l-Professur Conti li ġie l-Qala diversi drabi biex jarah. Darba fuq stedina li kont għamiltlu jien stess.



L-awtur li kellu l-unur li jġorr il-kuruna li biha giet inkurunata x-xbiha ta' Santa Marija tal-Qala

Dik id-darba xħin konna t-tnejn quddiem il-Kwadru ta' Santa Marija, Conti qalli dan il-kliem preċiż, "Chi ha dipinto questo quadro non ha dipinto quello di Ta' Pinu, chi ha dipinto quello di Ta' Pinu non ha dipinto questo quadro". Bil-Malti, "Min pinġa dan il-kwadru ma pinġiex dak Ta' Pinu. Min pinga dak Ta' Pinu ma pinġiex dan il-kwadru".

Ir-ripetizzjoni tixhed l-enfasi li biha Conti ppronunzja kliemu.

Conti kien pittur Taljan. Dak iż-żmien kien qiegħed Għawdex ipinġi s-saqaf tal-Knisja ta' San Ġorġ.

Sa fejn nistà naċċerta ruħi, minn dak li rnexxieli nsib fir-riċerki li għamilt, l-anqas l-istorja ma taqbel ma' dak li kiteb is-Sur Bonello u ndirettament tikkonferma l-ġudizzju taż-żewġ artisti l-oħra li semmejt.

## 4.

### AMODEO STEFANO PERUGINO

Skond l-istess Bonello, Amodeo

Stefano Perugino twieled fil-belt ta' Perugia fis-sena 1589 fejn wkoll miet fl-1644 meta kellu 55 sena. Kif jgħidilna l-istess kittieb, Perugino kien skular ta' Cesare Angeli u, fil-belt ta' twelidu waqqaf skola tad-disinn.

Mons. Ġużeppi Farrugia, fil-ktieb tiegħu bit-Taljan, ippublikat fl-1891, dwar "La Beata Vergine Ta' Pinu", jgħidilna li Amodeo Stefano Perugino ġie Malta ma l-Inkwiżitur Mons. Ettore Diotalievi fl-1605.

Hemm ħafna x'juri li l-kwadru tal-Qala kien fuq l-artal qabel l-1605.

Prova ta' dan huma r-referenzi għat-titular ta' "Santa Marija tal-Qala" li nsibu fil-viżta msemmija ta' Mons Dużina (1575) u fid-dokument "Constitutio Procuratorum" ta' Mons Gargallo fil-viżta tat-12 ta' Jannar 1591.

Minn dawn iż-żewġ viżti naraw li meta Perugino wasal Malta, il-kwadru tal-Qala kien ilu fuq l-artal aktar minn tletin sena.

Skond l-istess Bonello, Amadeo Stefano Perugino twieled fl-1589, jiġifieri erbatax-il sena wara li Mons Dużina semma l-kwadru fil-viżta li kien għamel fl-1575.

## 5.

### L-AKKADEMJA MARJANA 1949

Billi mill-ktieb ta' Bonello " La Madonna nell'Arte" jista' jirriżulta li l-kwadru ta' Santa Marija tal-Qala ġie espost fil-Wirja Marjana li nżammet f'Malta fl-Istitut Kattoliku fis-sena 1949, għall-ġieħ ta' l-istorja nixtieq inżid li dan ma sarx għaliex il-kwadru, fuq ordni ta' Mons G. Pace baqa' Għawdex għall-Akkademja Marjana li nżammet quddiemu fi gżiritna fl-istess jiem tal-Wirja. Inzid ukoll li min qiegħed jikteb kien wieħed mill-kelliema ta' l-akkademja. Is-suġġett tiegħi kien "Għawdex Gżira Marjana". Iż-żewġ kelliema l-oħra fl-istess jum kienu Mons Arturo Bonnici u l-Professur Ġużeppi Aquilina.

Jaqbel inżid hawn li fil-kungress Marjan f'Għawdex kellhom parti tliet Kwadri, jiġifieri dak Ta' Pinu li bih saret il-purcissjoni ta' l-għeluq. L-ieħor, kif diġa semmejt kien dak ta' Santa Marja tal-Qala u l-ieħor kien dak tal-Madonna ta' Salus Infirmorum li ttieħed quddiem is-Santwarju mill-Knisja ta' San Ġużepp fejn sar pontifikal immexxi mill-Isqof Emm. Galea, assestit mill-kleru tal-Qala u mill-kleru tan-Nadur. Lapida kommemorattiva ġewwa s-Santwarju ħdejn il-bieb prinċipali tixhed din il-ġrajja.

## 6.

### IL-KWADRU JħALLI S-SANTWARJU

Il-kwadru ta' Santa Marija tal-Qala dam fuq l-artal maġġur tas-Santwarju sal-1615 jiġifieri sa meta l-Isqof Baldassere Cagliares biddlu b'dak tal-



Kunċizzjoni tal-Barocci li hemm illum. Wara baqa' fis-Santwarju sal-1889 meta gie trasferit fil-knisja l-ġdida mill-kappillan Dun Ġwann Saliba.

Għall-bdu ġie mqiegħed fuq l-artal tal-kappellun tal-lemin taħt il-Kurċifiss. Dam hemm sakemm biddluh b'wieħed tad-Duluri. Aktar il-quddiem waqt it-tkabbir tal-knisja parrokkjali ħasbu biex jibnu kappella għalih fejn jista' jkollu aħjar il-qima tal-fidili.

Il-kappella kienet lesta fl-1950. Fiha poġġew qdumijiet oħra li kienu fis-Santwarju, fosthom ventartal tal-ġild maħdum b'arti u sengha kbira. Quddiem il-kwadru hemm lampier tal-fidda li kien ġie rregalat lis-Santwarju mijeit ta' snin ilu minn Dun M.Angelo Axiac biex ikompli weghda li kien għamel. Fl-istess kappella wieħed jista' jara kalċi tal-fidda mogħdi lis-Santwarju min Nobbli Ugolino Navarra fl-1774. Naraw ukoll Via Sagra qadima u prezzjuża miġjuba mis-Santwarju ma' bassoriliev tal-Kunċizzjoni. Taħt il-bassoriliev naraw xi ex voto tal-fidda. Hekk il-Kwadru ta' Santa Mairja tal-Qala qiegħed f'ambjent li tassew jinraqlu.

## 7.

### IS-SENA MARJANA 1954

Meta l-Papa Piju XII, bl-Enċiklika "Fulgens Corona" ħabbar is-Sena Majana bħala tifkira ta' l-egħluq il-mitt sena tal-proklamazzjoni tad-domma ta' l-Immakultata d-dinja nisranija mtliet bil-ferħ.

Bi tweġiba għas-sejħa tal-Papa l-Isqof Ġużeppi Pace, fiċ-ċirkulari No. 83 tas-27 ta' Novembru 1953 kiteb. "Aħna ma rridux nonqsu li ningħaqdu mad-dinja kattolika biex niċċelebraw kif jixraq din is-sena Marjana. Fost id-direttivii li tagħna l-Papa hemm dik li jiġu organizzati pellegrinaġġi għas-Santwarji Marjani.

Aħna ħsibna li huwa xieraq li nifthu din is-Sena Marjana billi nagħmlu pellegrinaġġ djoċesan għas-Santwarju qadim u għażiż tal-Kunċizzjoni tal-Qala, u morna nerħu l-organiżazzjoni f'idejn id-Direttorju ta' l-Azzjoni Kattolika.

Wara l-pellegrinaġġ fuq ordni ta' l-Isqof mexa l-kwadru qadim ta' Santa Marija tal-Qala merfugħ mill-Kummissarju ta' Għawdex E. Montanaro, mill-Maġistrat S. Attard, mill-Maġistrat Giov. Refalo u mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern Dr. Anton Tabone.

Għalaq il-pellegrinaġġ Mons Isqof Pace assistit mill-Kapitlu tal-Katidral u numru kbir ta' qassisin, patrijiet, seminaristi u sorijiet.

Ħdejn is-Santwarju saret funzjoni ħelwa u devota. Niseġ id-diskors Patri Okkursju Xerri O.F.M. Fih fisser l-għan tas-Sena Marjana u spiċċa bit-tama li nerġgħu niltaqgħu hemm dik l-istess sena biex inpoġġu kuruma tad-deheb fuq ras il-Madonna.

8.

## LEJN L-OGĦLA ĠIEH

Qrib l-għeluq tat-tliet mitt sena tal-erezzjoni tal-parroċċa bid-digriet tat-28 ta' April 1688, Santa Marija tal-Qala ssemmiet wisq fil-ġurnatli u fir-rivisti. Forsi ghalhekk li l-Isqof Cauchi qata' li dan il-Kwadru jiġi kononikament inkurunat.

Id-digriet tal-inkurunazzjoni jġib id-data tat-30 ta' Novembru 1988. Fil-jiem ta' wara, l-aħħar jiem tal-festi triċentinarji fil-Qala, il-Kwadru ġie mdawwar trionfalment



*Mons. Isqof Nikol G. Cauchi jinkuruna l-Kwadru ta' Santa Marija tal-Qala*

mat-toroq ewlenin tar-raħal. Imbagħad fl-4 ta' Diċembru 1988 ġie meħud proċessjonalment mill-Knisja Parrokkjali għall-Pjazza tas-Santwarju fuq l-ispallejn ta' erba' saċerdoti libsin l-alba u l-pjaneta. Hemm waqt pontifikal solenni; l-Isqof Cauchi poġġa l-kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna fost il-ferħ u ċ-ċapċip tal-folla.

Min qiegħed jikteb ġie magħżul biex f-isem il-poplu tal-Qala, jġorr u jippreżenta l-kuruna. Il-kuntratt inqara minn Nutar Paul Pisani quddiem ix-xbieda li kienu Dun M. Buttigieg, Rettur tas-Santwarju, u s-Sinjorina Nancy Xerri, segretarja tal-Kumitat Festi Triċentinarji.

Is-Sur Ġorġ Pisani qara poeżija ta' l-okkażjoni.

Il-Kant kien esegwit mill-Kor "Laudate Pueri", tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

***Referenzi.***

Vizti Pastorali.
Duzina 1575. Gozo Public Library p.270
Gargallo. Manuskritt 17. E.G. p.55
Balaguer 1634 17. E.G. pp. 16 u 17 Quint XV
Balaguer 1635 17. E.G. pp. 11 - 13 Quint XVI
Cacco Paleri 1687 A.A.M. p. 601 v
Alpheram de Bussan 1755 A.A.M. p. 504
Rull 1760 A.A.M. p. 688
Maestri del Colore Fratelli Fabbri' Ed Vol
Bonello V La Madonna nell'arte 1949 p. 19
Farrugia Mons Guis 'La Beata Vergine ta' Pinu 1891 p. 31
Chambers Encyclopedia New Revised Ed. 1973 Vol X p. 330
Buttigieg A. Grajjiet il-Qala 1980.

## Nifirħu lil ANTON BUTTIGIEG, iben il-Qala, li f'Jum ir-Reppublika ta' din is-sena ġie onorat bil-midalja għal qadi tar-Repubblika

LIS-SUR ANTON J BUTTIGIEG

BILLI l-Parlament ta' Malta pprovda għal għoti tal -MIDALJA GĦALL-QADI TAR- REPUBBLIKA;

U BILLI l- Midalja tista' tingħata lil ċittadini Maltin għal servizz distint lejn Malta;

U BILLI l-Gvern u l-poplu ta' Malta jixtiequ jirrikonoxxu u juru l-apprezzament tagħhom għall-kontribut mogħti minnek lejn pajjiżek;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, CENSU TABONE, PRESIDENT TA' MALTA, nagħtik il-MIDALJA GĦALL-QADI TAR-REPUBBLIKA.

Magħmul fil-Palazz, Valletta
illum, it-13 ta' Diċembru, 1993.

ĊENSU TABONE
President ta' Malta – President of Malta

EDWARD FENECH-ADAMI
Prim Ministru - Prime Minister

### ANTON J. BUTTIGIEG M.Q.R.

Għawdxi magħruf għas-sens Civiku tiegħu. Huwa wkoll kburi b'raħal Twelidu, il-Qala. Huwa rrappreżenta lid-Distrett tiegħu fil-Kunsill Civiku ta' Għawdex, li tiegħu aktar tard hu kien elett President. Huwa kien edukatur b'vokazzjoni u għamel karriera fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni minfejn irtira bħala Spettur. Ippublika wkoll studji dwar l-istorja tal-Qala, mibnija fuq riċerki li jmorru lura għas-sena 5000 Q.K.